

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

tal-5 ta' Lulju 2006

li tagħraf ċerti pajjiżi terzi u ċerti żoni ta' pajjiżi terzi bħala ħielsa mill-*Xanthomonas campestris* (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru), iċ-*Cercospora angolensis* Carv. et Mendes u l-*Guignardia citricarpa* Kiely (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru)

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3024)

(2006/473/KE)

(ĠU L 118M, 8.5.2007, p. 960)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/134/UE tal-1 ta' Marzu 2010	L 53	10	4.3.2010
► <b><u>M2</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/253/UE tad-29 ta' Mejju 2013	L 145	35	31.5.2013
► <b><u>M3</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1175 tal-15 ta' Lulju 2015	L 189	39	17.7.2015
► <b><u>M4</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/696 tal-4 ta' Mejju 2016	L 120	33	5.5.2016



## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Lulju 2006

li tagħraf ċerti pajjiżi terzi u ċerti żoni ta' pajjiżi terzi bħala ħielsa mill-*Xanthomonas campestris* (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru), iċ-*Cercospora angolensis* Carv. et Mendes u l-*Guignardia citricarpa* Kiely (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru)

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3024)

(2006/473/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità <sup>(1)</sup>, u partikolarment il-punti 16.2, 16.3 u 16.4 tas-Sezzjoni I ta' Parti A ta' l-Anness IV tagħha,

Billi:

- (1) Biex tippermetti li l-frott ta' *Citrus* L., *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf., u l-ibridi tagħhom minn pajjiżi terzi jiddaħħlu fil-Komunità jew jiċċirkolaw fiha taħt id-Direttiva 2000/29/KE, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/83/KE tat-8 ta' Jannar 1998 li tagħraf ċerti pajjiżi terzi u ċerti żoni ta' pajjiżi terzi bħala ħielsa mill-*Xanthomonas campestris* (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru), iċ-*Cercospora angolensis* Carv. et Mendes u l-*Guignardia citricarpa* Kiely (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għaċ-Ċitru) <sup>(2)</sup> għarfet ċerti pajjiżi terzi u ċerti żoni ta' pajjiżi terzi bħala ħielsa minn daww l-organiżmi ta' ħsara.
- (2) Mill-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni 98/83/KE ġiet emendata bosta drabi. Fl-interess taċ-ċarezza u razzjonalità, id-Deċiżjoni 98/83/KE għandha għalhekk tiġi mħassra u sostitwita.
- (3) In-New Zealand ippreżentat tagħrif uffiċjali li juri li t-territorju tagħha huwa ħieles mill-*Xanthomonas campestris* u l-*Guignardia citricarpa*. In-New Zealand għandha għaldaqstant tingħaraf bħala ħielsa minn dawn l-organiżmi ta' ħsara.
- (4) L-Afrika ta' Isfel ippreżentat tagħrif uffiċjali li juri li d-distretti maġisterjali ta' Hartswater u Warrenton fin-Northern Cape huma ħielsa mill-*Guignardia citricarpa*. Għaldaqstant dawn id-distretti ta; l-Afrika ta' Isfel għandhom jingħarfu bħala ħielsa minn dan l-organiżmu ta' ħsara
- (5) L-Awstralja ppreżentat tagħrif uffiċjali li juri li Queensland ma għadhiex ħielsa mill-*Xanthomonas campestris*. Għaldaqstant, Queensland ma għandhiex tibqa' tingħaraf bħala ħielsa minn dak l-organiżmu ta' ħsara

<sup>(1)</sup> ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/35/KE (ĠU L 88, 25.3.2006, p. 9).

<sup>(2)</sup> ĠU L 15, 21.1.1998, p. 41. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2003/129/KE (ĠU L 51, tal-26.2.2003, p. 21).

**▼ B**

- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Għall-finijiet ta' punt 16.2 ta' Sezzjoni I ta' Parti A ta' l-Anness IV, il-pajjiżi terzi li ġejjin qed jingħarfu bħala ħielsa mill-varjetajiet kollha ta' *Xanthomonas campestris* li huma patoġeniċi għaċ-Ċitru:

- (a) il-pajjiżi terzi kollha ta' l-Ewropa li jkabbbru ċ-ċitru, l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Libja, il-Marokk, it-Tuneżija u t-Turkija;

**▼ M2**

- (b) L-Afrika: l-Afrika t'Isfel, il-Gambja, il-Ghana, il-Ginea, il-Kenja, is-Sudan, is-Sudan t'Isfel, is-Swaziland u ż-Żimbabwe;

**▼ B**

- (c) L-Amerika Ċentrali u ta' Isfel u l-Karibew: il-Bahamas, il-Belize, iċ-Ċili, il-Kolumbja, il-Kosta Rika, Kuba, l-Ekwador, il-Honduras, il-Ġamajka, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Perù, ir-Repubblika Dominikana, Santa Luċija, El Salvador, is-Surinam u l-Venezwela.

- (d) l-Oċeanja: in-New Zealand.

2. Għall-finijiet ta' punt 16.2 ta' Sezzjoni I ta' Parti A ta' l-Anness IV, iż-żoni li ġejjin qed jingħarfu bħala ħielsa mill-varjetajiet kollha ta' *Xanthomonas campestris* li huma patoġeniċi għaċ-Ċitru:

**▼ M1**

- (a) L-Awstralja: New South Wales, it-Territorju ta' Fuq, Queensland, l-Awstralja ta' Isfel, Victoria u l-Awstralja tal-Punent;

**▼ M2**

- (b) Il-Brażil, għajr l-Istati ta' Maranhão, Mato Grosso, Mato Grosso do Sul, Minas Gerais, Paraná, Rio Grande do Sul, Roraima, Santa Catarina u São Paulo;

**▼ M4**

- (c) L-Istati Uniti: Arizona, California, Guam, il-Hawaii, il-Gżejjer Mariana tat-Tramuntana, Puerto Rico, is-Samoa Amerikana, Texas u l-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti;

**▼ B**

- (d) l-Urugwaj, bl-eċċezzjoni tad-Dipartimenti Salto, Riviera u Paysandu — fit-Tramuntana tax-xmara Chapicuy.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' punt 16.3 ta' Sezzjoni I ta' Parti A ta' l-Anness IV, il-pajjiżi terzi li ġejjin qed jingħarfu bħala ħielsa miċ-*Cercospora angolensis* Carv. et Mendes:

**▼ M2**

- (a) il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru fl-Amerika ta' Fuq, Ċentrali u t'Isfel, il-Karibew, l-Asja, bl-eċċezzjoni tal-Bangladexx u l-Jemen, l-Ewropa u l-Oċeanja;
- (b) il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru fl-Afrika, bl-eċċezzjoni tal-Angola, il-Kamerun, ir-Repubblika Afrikana Ċentrali, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Gabon, il-Ghana, il-Ginea, il-Kenja, il-Możambik, in-Niġerja, l-Uganda, iż-Żambja u ż-Żimbabwe.

**▼ B***Artikolu 3*

1. Għall-finijiet ta' punt 16.4 ta' Sezzjoni I ta' Parti A ta' l-Anness IV, il-pajjiżi terzi li ġejjin qed jingħarfu bħala ħielsa mill-varjetajiet kollha ta' *Guignardia citricarpa* Kiely li huma patoġeniċi għaċ-Ċitru:

**▼ M4**

- (a) il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru tal-Ewropa, tal-Amerika ta' Fuq, tal-Amerika Ċentrali u tal-Amerika ta' Isfel u tal-Karibew minbarra l-Arġentina, il-Brażil, l-Istati Uniti u l-Urugwaj;

**▼ M2**

- (b) il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru fl-Asja, bl-eċċezzjoni tal-Bangladexx, il-Butan, iċ-Ċina, l-Indoneżja, il-Filippini u t-Tajwan;
- (c) il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru fl-Afrika, bl-eċċezzjoni tal-Afrika t'Isfel, il-Ghana, il-Kenja, il-Możambik, Sważiland, iż-Żambja u ż-Żimbabwe;

**▼ B**

- (d) il-pajjiżi terzi kollha li jkabbru ċ-ċitru fl-Oċeanja, bl-eċċezzjoni ta' l-Awstralja u Vanuatu.

2. Għall-finijiet ta' punt 16.4 ta' Sezzjoni I ta' Parti A ta' l-Anness IV, il-pajjiżi terzi li ġejjin qed jingħarfu bħala ħielsa mill-varjetajiet kollha ta' *Guignardia citricarpa* Kiely li huma patoġeniċi għaċ-Ċitru:

**▼ M3**

- (a) L-Afrika t'Isfel: Western Cape; Northern Cape: id-distretti maġisterjali ta' Gordonia, Hartswater u Warrenton;

**▼ B**

- (b) l-Awstralja: South Australia, Western Australia u Northern Territory;
- (ċ) iċ-Ċina: iż-żoni kollha bl-eċċezzjoni ta' Sichuan, Yunnan, Guangdong, Fujian u Zhejiang;

**▼ M2**

- (d) il-Brażil: iż-żoni kollha ħlief l-Istati ta' Amazonas, Bahia, Espírito Santo, Mato Grosso, Mato Grosso do Sul, Minas Gerais, Paraná, Rio de Janeiro, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo;

**▼ M4**

- (e) l-Istati Uniti: iż-żoni kollha ħlief il-kontej ta' Collier, Hendry, Lee u Polk li jinsabu fl-Istat ta' Florida.

**▼ B***Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni 98/83/KE għandha titħassar.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.